**7 ta' Diċembru 1994**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici, LL.D. - President**
**Onor. Carmel A Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V.Arrigo, LL.D.**

John Cassar

*versus*

Emmanuele Galea

**Deżerzjoni - Digriet Ta' - Minħabba Nuqqas ta' Notifika Tal-Petizzjoni Ta' L-Appell fi Żmien Sena -**

*Saret distinzjoni bejn digriet ta' deserzjoni veru u proprju u verbal fejn il-Qorti nnutat illi appell kien deżert peress illi l-petizzjoni ma kinitx innotifikata fi żmien sena.*

*Fil-każ peress illi din is-sena kienet għaddiet, il-Qorti sempliċement innutat il-fatt li l-Appell kien deżert minħabba nuqqas ta' notifika tal-petizzjoni u għalhekk ir-rikors għar-riappuntament ma setax jiġi milqugħ.*

Il-Qorti:-

Eżaminat ir-rikors ta' John Cassar tas-26 ta' Awissu, 1994, fejn ġiet mitluba li 'tirrevoka contrario imperio' d-digriet ta' *deżerzjoni mogħti fit-23 ta' Mejju, 1994, u tirriapunta għas-smigħ* l-appell ta' l-esponenti;

Ir-riferenza hija għal **verbal u mhux digriet** - li ġie rreġistrat fit-23 ta' Mejju, 1994, li jgħid hekk:-

'Il-Qorti nnutat illi l-appell ta' John Cassar ma ġiex debitament ikkawtelat u għalhekk jirriżulta deżert'.

Huwa veru li f'dan il-verbal id-Deputat Reġistratur bi żball niżżel 'ikkawtelat' flok 'innotifikat' u l-Qorti difatti **nnutat** l-avvenuta deżerzjoni billi l-petizzjoni ta' l-appell ta' John Cassar **tas-27 ta' Mejju, 1992**, qatt ma ġiet innotifikata lil Emmanuel Galea sa dak in-nhar stess ta' l-ewwel seduta tas-16 ta' Mejju, 1994, quddiem din il-Qorti. Din l-avvenuta deżerzjoni skond l-art. 963 Kap. 12 minħabba nuqqas ta' għeluq tal-proċedura skritta fi *żmien perentorju ta' sena, ma jiġix* ġeneralment dekretat minn din il-Qorti, li sempliċement tinnota l-avvenuta deżerzjoni li tavvera ruħha *'ipso jure'* u tiġi kkonstatata amministrattivament mir-Reġistratur ta' dawn il-Qrati. F'każijiet bħal dawn, din il-Qorti qatt ma tgħaddi biex tikkonċedi żmien qasir biex l-appell jiġi kkawtelat proprju għaliex l-appell ikun digà deżert; kif difatti *kien ilu deżert l-appell ta' John Cassar fis-27 ta' Mejju, 1993* - sena wara li ġiet ippreżentata l-petizzjoni tiegħu;

Għaldaqstant din il-Qorti ma tistax tilqa' t-talba tar-rikors billi hija ma ddekretatx id-deċiżjoni ta' l-appell tar-rikorrenti iżda

sempliċement innutat il-fatt diġa avvenut fis-27 ta' Mejju, 1993, minħabba n-nuqqas ta' notifika tal-petizzjoni ta' appell.